



## Dehra ġdida għall-koppla ta' Lorenzo Gafa`

# Ġrajja ta' 100 Sena ilu

Il-koppla tal-knisja parrokkjali kienet għadha tabilħaqq mingħajr lanterna sal-bidu tas-seklu għoxrin. Dan jixhduh ritratti antiki tal-knisja parrokkjali meħudin lejn l-aħħar tas-seklu dsatax. Fl-1907, fi żmien l-arċipriet Degabriele sar intervent fuq l-iskutella tal-koppla u nbniet laterna ġdida. Ix-xogħol, mifrux fuq sitt xhur, sar mill-bennej Carmelo Vella (*tal-Ggant*) fuq disinn tal-imgħallem Żejtuni Ġużeppi Zahra (*tal-Qabla*). Il-periti responsabbli għal dan il-progett kienu Annibale Lupi u Salvatore Sacco. Ix-xogħol ġie fi tmiemu nhar it-tlieta ta' Novembru 1907 meta ttella s-salib tal-ġebel għal fuq il-koppla. Għall-okkażjoni, dak in-nhar, daqqet ukoll fil-knisja l-Banda Beland.

Minkejja li nbniet ferm wara l-mewt ta' Gafa`, l-lanterna u x-xogħol li sar fuq l-iskutella tal-koppla jaqblu ma' l-istil arkitettoniku tal-knisja u jżommu l-istess sens ta' skala u proporzjon tal-binja oriġinali. Nistgħu ngħidu li dan il-progett ġab fi tmiemu l-bini tal-knisja parrokkjali għal kif nafuha llum mibdi bis-saħħa ta' Girgor Boniċi fl-1692. L-aħħar intervent fuq l-lanterna tal-koppla sar f'Ġunju tal-1990 fl-istess żmien li l-Papa Gwanni Pawlu II kien qed jżur l-gżejjer tagħna għall-ewwel darba. ■

" Għall-okkażjoni, dak in-nhar, daqqet ukoll fil-knisja l-Banda Beland."





*L-Imgħallem Ġużeppi Zahra*